MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2014

Numru. 1118/2014

**Il- Pulizija**

**( Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Hassan Abdala Mohamed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba Hassan Abdala Mohammed ta’ 21 sena bin Abdala Mohamed u Sharifa nee Abdalla imwieled Somalia fil-5 ta’ Marzu 1993 u joqghod 44 Triq Censu Borg Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 103097°, u *travel document* numru 12U37.

Akkuzat talli fil-15 ta’ Novembru 2014, u zminijiet qabel f’dawn il-gzejjer:

1. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet,obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni oħra, jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

4. Ukoll talli fil-15 ta’ Novembru 2014 ghal habta ta’ 2.15pm u /jew hinijiet/zminijiet qabel fi Triq is-Sur Fgura u/jew f’dawn il-gzejjer saq vettura tal-ghamla Hyundai Accent numru CAF607 minghajr licenzja tas-sewqan.

5. U aktar talli fl-istess cirkustanzi soqt vettura tal-ghamla Hyundai Accent numru tar-registrazzjoni CAF607 b’manjiera traskurata u perikoluza.

.

6. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni ta’ hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b’nuqqas ta’ tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt hsara fuq vettura tal-ghamla

Chevrolet Matiz numru tar-registrazzjoni FBR121 ghad-detriment ta' Jason Charles Lombardo mill-Fgura u/jew ta' persuni ohra

7. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Pauline Lombardo skond kif icccertifikat Dr Francesca Lentini Numru 3593 mic-centru tas-Sahha Rahal Gdid.

8. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi waqt li soqt vettura Hyundai Accent numru tar-registrazzjoni CAF607 fi Triq Is-Sur Fgura inqast li tieqaf fuq STOP SIGN

.

Il-Qorti giet mitluba li f'sejbien ta' htija, Hassan Abdala Mohamed jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Wara li semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat li fis-seduta tal-lum stess, l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet kkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissiet lill-imputat Hassan Abdala Mohamed bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih iwasslu ghal piena ta' erba' snin u erba' xhur prigunerija effettiva u skwalifika ta' licenzja ta' sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u  mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u li hu ikkopera mal-pulizija.

Ikkunsidrat li t-tielet imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u li l-ewwel imputazzjoni ta' falsifikazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni stante li serviet bhala mezz ghal fini biex jigi kommess ir-reat ta' uzu xjenti ta' dokument falz, cioe licenzja tas-sewqan.

Ikkunsidrat ukoll li dan l-incident stradali kien wiehed zghir u li l-griehi ikkagunati fuq il-vittma kienu ta' natura hafifa.

In oltre, l-imputat ghandu xoghol fiss.

Pero fl-opinjoni tal-Qorti l-uzu ta' dokument tas-sewqan falz huwa reat serju, ghalkemm il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, prigunerija effettiva ma hix piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz, pero l-hati ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza u multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  l-Artikoli 183, 184, 189, 226(c) 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, izda  fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' snin (4), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Il-Qorti qieghda tikkundanna ukoll il-hati ghal hlas ta' multa ta' sitt mitt Euro (€600.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin Euro (€20.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Dicembru 2014, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tiskwalifika l-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li dawn l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien stabbilit mil-ligi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------